**Laqgha Numru 06/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Is-Sitt Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar it-Tlieta 9 ta’ Marzu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-1 ta’ Marzu 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K6/2010.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2010.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2010.**

**05. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2010.**

**06. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2010.**

**07. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.**

**08. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**09. Mistoqsijiet.**

**10. Korrispondenza.**

**11. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.**

**12. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**13. Decizjoni dwar Kwotazzjoni 01/2010.**

**14. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**15. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 03/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 03/K6/2010 item 2.01, ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.04, ghall-Minuti 01/K6/2010 item 2.03, ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.26 u ghall-korrispondenza numru **46/6695/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mas-sur Johann Bellizzi fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u ghalhekk kien ippropona l'issir spezzjoni tas-sit sabiex jigi dentifikat x'hemm bzonn isir, jekk hemm bzonn tingabar stima minghand il-kuntrattur tal-Kunsill u wara jkun il-Kunsill li jiddeciedi jekk issirx in-nefqa jew le, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zjara fuq il-post kien ghadu ma ghamiliex ghax ser issir issa l'irritorna l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minn btala fit-tul.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 03/K6/2010 item 2.02, ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.06, ghall-Minuti 01/K6/2010 item 2.28 u ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jsiru numru t'attivitajiet socjali u kulturali ghas-sena li gejja u qalet li ladarba jigi ffinalizzat il-kalendarju t'attivitajiet kienet ser tibghat lista dettaljata lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, liema kalendarju s'issa ghadu ma giex ipprezentat.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 03/K6/2010 item 2.05, ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.09 u ghall-Minuti 01/K6/2010 item 14.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jigi ffurmat kumitat tan-nisa li jilghabu t-tennis u jaghmlu uzu mill-multi purpose court tal-Gnien 4 ta' Lulju kif ukoll li dawn jinghataw facilita' li jaghmlu uzu mix-xibka tal-Kunsill, li jinzamm registru ta' min u meta jsir uzu mill-court kif ukoll li l-Kunsill jahseb sabiex jixtri magna li tikkontrolla d-dawl li jintuza u li tahdem bit-tokens, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Jason Grech kien baghat lill-Kunsill stima ghall-provvista u l-installlazzjoni sabiex isir meter tad-dawl kif mitlub mill-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **46/0659/10/I**<br>27/01/2010 | E-mail minghand id-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill informa l-Kunsill li ma hemm l-ebda zball fil-kalkoli tal-allokazzjoni tal-Waste Tipping Fees u tal-Waste Management minhabba li ta' tipping fees giet ikkalkulata fuq l-istatistika tal-NSO fuq residenzi u tal-Waste Management giet ikkalkulata fuq id-data tad-Dipartiment ghar-residenzi li ntuzat fis-snin li ghaddew. |

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 03/K6/2010 item 8.12 u ghall-korrispondenza numru **46/0659/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill li dwar dan il-punt ghandu jkompli jsostni li ma jaqbilx mal-konkluzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll wara li tingabar l-informazzjoni kollha rigward x'hadu l-Kunsilli, ghandu jitressaq protest quddiem l-Awtorita' ta' l-Onor. Chris Said, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsilli ta' l-Mdina, ir-Rabat (Gozo), B'Kara, il-Gudja, il-Gzira, Gharghur, Hal-Lija, Mgarr, il-Munxar, Hal-Safi, San Giljan, San Gwann, Santa Lucija, Hal-Tarxien u Zebbug (Gozo) kienu ghadhom ma provdewx l-informazzjoni mitluba ghalkemm intbaghatu 3 emails u saru 3 telefonati.

| | |
|---|---|
| **46/0956/10/I**<br>05/02/2010 | Kwotazzjoni minghand Rayners Flag Maker ghal diversi tipi ta' bnadar. |

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 03/K6/2010 item 8.83 u ghall-korrispondenza numru **46/0956/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab li tingabar kwotazzjoni ghall-bnadar li jkunu printed minflok irrakmati, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dan kien ghadu ma sarx.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 03/K6/2010 item 13.08 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jixtri palma biex tithawwel fi Triq il-Mediterran minflok dik li mietet, is-Sindku Joe Zammit qal li l-parir li ghandu huwa li tithawwel f'Novembru.

2.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa x'qies il-Kunsill jixtieq li din tkun u kemm lest li l-Kunsill ihallas ghall-palma simili.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jintalab parir minghand kumpaniji teknici ghall-provvista u thawwil ta' palma li jkollha zokk ta' mhux anqas minn metru u nofs gholi.

2.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2010.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 04/K6/2010 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2010.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2010.

5.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 05/K6/2010 kif ipprezentati.

5.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

5.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

5.05. Il-Minuti gew approvati.

5.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien astjena minhabba li kien imsiefer meta saret il-laqgha.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2010.

6.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 07. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

7.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 13/2010 –** Rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghal Tender 07/2009 **(Ara dokument A); Internal Memo 21/2010 –** Rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghal Tender 01/2010 u Kwotazzjoni 01/2010 **(Ara dokument B); Internal Memo 24/2010 –** Rapport tal-Ftuh tal-Kwotazzjonijiet 02/2010 **(Ara dokument C); Internal Memo 26/2010 –** Rapport tal-

Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjonijiet 02/2010 **(Ara dokument D); Internal Memo 25/2010 –** Rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar il-mandat ta' inibizzjoni **(Ara dokument E); Internal Memo 27/2010 –** Rapport tal-laqgha li saret ma' l-ADT dwar Traffic Management **(Ara dokument F); Internal Memo 28/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 03/K6/2010 u 06/K6/2010 **(Ara dokument G); Internal Memo 29/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 03/K6/2010 u 06/K6/2010 **(Ara dokument H);** Kopja tal-faccata tal-ktieb li ser jippubblika l-Kunsill bl-isem **– Pembroke From a British Garrison to a Modern Civilian Town (Ara dokument I);** Kopja tal-programm tal-Konferenza organizzata mill-Ghaqda Nisa Giljanizi **(Ara dokument J)** u Kopja tal-flyer dwar l-attivita' li saret ghal Jum il-Mara **(Ara dokument K).**

## 08. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.02. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li rega' rritorna l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli lura mill-btala li kien u ghalhekk issa ser ikompli bil-hidma volontarja tieghu ghall-komunita' ta' Pembroke.

8.03. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha tal-Advisory Board tal-ECAD li saret fil-Belgium nhar it-3 ta' Frar kien ressaq fost l-ohrajn il-proposta biex Pembroke jirraprezenta lil Malta bhala rapprezentant permanenti ghal 4 snin li gejjien fil-Kumitat Centrali kif ukoll isir Regional Office ghall-Mediterran. Il-kelliem qal li kien tkellem rigward dawn iz-zewg proposti ukoll fil-konferenza tas-Sindki li saret fil-jiem li ghaddew.

8.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret il-laqgha maz-zewg kuntratturi li kienu short listed mill-Kunsill biex ihejju r-rapport tas-SEAP li hemm htiega li jsir kif mitlub mill-Covenant of Mayors. Il-kelliem qal li prezenti kien hemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet prezenti biss ghall-parti mill-laqgha mal-kumpanija Econing Engineering Consultancy Ltd.

8.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat daru dawra madwar Pembroke biex ittiehdu sensiela ta' ritratti fejn hemm bzonn isir patching. Il-kelliem qal li fil-fatt it-Tnejn li ghadda l-1 ta' Marzu flimkien mal-kuntrattur dar fejn kien hemm bzonn u gew immarkata l-hofor/hsarat. Il-kelliem qal li minhabba l-urgenza li kien hemm, xi xoghol diga sar fil-jiem li ghaddew u ser jitkompla fejn ghad fadal. Ghalhekk il-kelliem ippropona li dan ix-xoghol jigi approvat.

8.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret il-laqgha ta' informazzjoni ma' Trasport Malta rigward il-bzonnijiet madwar l-iskola l-primarja l-gdida hekk kif approva l-Kunsill u skond ir-regoli ta' TM fejn ser jigu rrakkomandati xi tibdil zghir minn dak propost mill-Kunsill, liema tibdil gie diskuss u maqbul mal-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat li kienu prezenti flimkien mieghu u mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li d-dawl fi Triq San Gorg Preca qed isir ukoll u fil-fatt din il-gimgha twahhlu l-arbli tad-dawl biex b'hekk it-talba tar-residenti ghad-dawl isir realta' ukoll.

8.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien ma' l-impjegati tal-Kunsill hadu hsieb il-preparamenti ghall-attivita' tal-Kunsill li saret ghal Jum il-Mara.

8.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mar-rapprezentant tal-GreenPak kienet saret spezzjoni tas-siti kollha tas-separazzjoni biex sar rapport dwar il-kundizzjoni ta' dawn li ntbaghat lill-WasteServ qabel jigi ffirmat il-ftehim tal-kirja. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejjien ser issir spezzjoni ohra bejn il-Kunsill, WasteServ u GreenPak sabiex jintlahaq ftehim finali.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li x-xoghol fuq il-pubblikazzjoni tal-ktieb rigward Pembroke miexi sew u skond kif xtaq il-Kunsill.

8.13. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqgha tas-Sindki tqajmu diversi kwistjonijiet fosthom il-hlas ta' multi mill-MEPA u li rigward dan is-Sindki qablu li l-Kumitati Kongunti ghandhom izommu l-iprocessar tal-multi assocjati mal-MEPA fit-Tribunali.

8.14. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill gie nfurmat mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said li s-Segretarji Ezekuttivi issa saru ufficjali pubblici b'responsabilita' akbar tax-xoghol konness mal-Kunsill. Il-kelliem qal li dawn issa jaqghu taht il-PSC (Public Service Commission) u regoli ta' dixxiplina aktar harxa jekk u meta ihallu affarijiet jghaddu minn Kunsill meta jkunu mhux konformi mal-ligi. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv m'ghandux jidhol f'argumenti mal-Kunsilliera imma ghandu jara li dak li japprova l-Kunsill ikun konformi mal-ligi u regoli finanzjarji. Is-Sindku Joe Zammit qal li kull Kunsillier ghandu kopja tal-ligi li tispecifika r-rwol/xoghol u responsabiltajiet tas-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll il-funzjonijiet godda ta' kull Kunsillier inkluz Sindku u Vici Sindku. Il-kelliem qal li ghalkemm l-AKL ma taqbilx li Segretarju Ezekuttiv ikun responsabbli direttament taht il-Gvern xorta se timxi mar-regoli u l-ligi imma se tkun qed tressaq dan il-fatt ghall-attenzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Is-Sindku Joe Zammit qal l'issemma ukoll id-dover tal-Kunsilli li meta jordnaw xoghol jaraw li jkun hemm vot/fondi ghal dan ix-xoghol kif ukoll li kull xoghol ikun approvat mill-Kunsill qabel isir.

8.15. Is-Sindku Joe Zammit qal li waqt il-laqgha tas-Sindki kien hemm diskussjoni dwar it-twaqqif tal-Kumitat tar-Regjuni Maltin li ser jibdew joperaw mill-1 ta' April ta' din is-sena. Saret diskussjoni rigward il-kodici ta' etika li kien ippubblikat u li skond dan anke passi bil-pulizija jekk ikun hemm bzonn se jittiehdu kontra Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera meta jiksru dan il-kodici ta' etika. Il-kelliem qal li saret diskussjoni ukoll rigward il-problema ta' finanzi adegwati lill-Kunsilli ghall-gbir ta' skart u l-AKL mhux kuntenta kif inghataw il-fondi u issemma l-Kunsill ta' Pembroke bhala ezempju. Finalment il-kelliem qal l'issemmiet ukoll il-Konferenza tal-ECAD u kif il-Kunsill ta' Pembroke kien strumentali li gab din il-Konferenza lejn Malta u x-xoghol tal-Kunsill ta' Pembroke biex Malta tkun rapprezentata fil-Kumitat Centrali tal-ECAD kif ukoll biex jitwaqqaf Malta regional office tal-ECAD ghar-regjun tal-Mediterran.

8.16. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret is-seduta tal-Qorti rigward il-kwistjoni tal-kuntratt/servizz ta' gbir ta' skart bieb bieb. Il-kelliem qal l'issa l-kaz jinsab ghas-sentenza.

## 09. Mistoqsijiet.

9.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 10. Korrispondenza.

10.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta' Frar u d-9 ta' Marzu 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/1164/10/I** 16/02/2010 Ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward zvilupp fi Triq il-Mediterran fejn infurmaw l-Kunsill illi irid jinkiseb permess tal-MEPA u jintalab id-devoluzzjoni ta' l-art.

10.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1164/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1175/10/I** 16/02/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghaz-zjara li ser jaghmel il-president gewwa l-lokal, infurmat l-Kunsill illi hija taqbel ukoll li l-attivita' ssir il-Hadd 21 ta' Novembru 2010.

10.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1175/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-attivita' proposta mill-Ufficcju tal-President ta' Malta ghandha ssir il-Hadd 21 ta' Novembru 2010.

10.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-dati kienu gew mibdula mill-Ufficcju tal-President biex issa saru t-Tlieta 26 u l-Hadd 31 ta' Ottubru.

10.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dawn id-dati ghandhom jigu accettata.

10.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1180/10/I** 16/02/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill rigward Gemellagg ma' Anning, infurmaw il-Kunsill li qed jevalwaw il-proposta tal-Kunsill u talbu sabiex tintbaghat xi nformazzjoni ohra rigward safar li ser isir matul is-sena 2010.

10.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1180/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba l-Kunsill kien approva li jsir dan il-gemellagg, il-Kunsill ghandu jalloka € 3,000 mill-vot tal-gemellagg sabiex imur ghal dan il-ghan.

10.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li dan ser ifisser li ghall-attivitajiet kollha tal-gemellagg ghal din is-sena l-Kunsill ser ikollu vot ta' € 500.00 li bih iridu jkopru l-attivita' tat-tornament tal-futbol, jekk tkun approvata mill-EU l-hosting ta' l-attivita' ta' zmien il-Milied kif ukoll il-mawra li ser tkun proposta ma' l-Ghaqda Anzjani Pembroke.

10.11. Il-mozzjoni tas-Sindku ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat vvutaw kontra.

10.12. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/1206/10/I** 17/02/2010 E-mail minghand Roccalumera rigward il-Progett 'Youth in Action', fejn talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex flimkien ikunu jistghu jiddiskutu u

jippjanaw dan il-progett.

10.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1206/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandhom jaraw x'jista' jsir taht dan il-programm b'tahlita t'attivitajiet edukattivi u sportivi.

10.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1222/10/I** 17/02/2010 **46/1258/10/I** 18/02/2010 — E-mail rigward il-progett fuq HIV / AIDS mill-Lithuania kif ukoll e-mail mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn infurmat lill-Kunsill li d-data ta' l-gheluq ghall-progett hija qrib wisq biex ikun ikkonsidrat bir-reqqa u ghalhekk ma niehdux sehem.

10.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1222/10/I u 46/1258/10/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li minhabba li m'hemmx bizzejjed zmien il-Kunsill ma jistax jippartecipa.

10.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1257/10/I** 18/02/2010 — Ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru rigward il-Kodici ta' Etika ghar-Rapprezentanti Eletti tal-Gvern Lokali fejn baghtu ukoll ktieb anness.

10.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1257/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u talab biex kull Kunsillier jifli sew dan id-dokument fl-interess tieghu.

**46/1261/10/I** 18/02/2010 — E-mail minghand il-GreenPak fejn baghat sample ta' leaflet sabiex jitqassam mal-boroz tar-riciklagg.

10.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1261/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta dan is-sample u jkun emendat billi jiddahhal l-isem tal-lokal u ghalhekk GreenPak jinghataw l-approvazzjoni tal-printing.

10.21. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1267/10/I** 18/02/2010 — E-mail minghand il-MEPA rigward lista ta' applikazzjonijiet godda, fejn fi Triq il-Mediterran hemm applikazzjoni sabiex isir xoghol ta' trenching ghal storm water outlet.

10.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1267/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1274/10/I** 18/02/2010 — E-mail minghand is-Sur Martin Muscat fejn baghat jilmenta fuq il-bankina li hemm fi Triq Pietru D'Armenia.

**46/1661/10/I** 04/03/2010 — Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward pavimentar perikouz f'Sit B informaw lill-Kunsill li l-Awtorita' mhux responsabbli ghall-manutenzjoni u tiswijiet f'areas pubblici.

10.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1274/10/I u 46/1661/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li xi xhur ilu kienet saret spezzjoni flimkien mal-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni u l-Perit ta' l-Awtorita' Alex Cutajar rigward il-hsarat li hemm fil-bankina fejn wera bic-car il-bad-workmanship li kien hemm. Il-kelliem qal li kien

informa lill-Awtorita' b'dan u issa b'dispjacir il-Kunsill gie nfurmat li x-xoghol ilu li sar mill-Housing u allura issa kull tiswija trid issir mill-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jiehu stand fuq dan ghax minn dejjem deher li dan ix-xoghol ma sarx b'sena sewwa kif ukoll li jekk fil-kaz il-Kunsill jiehu parir legali jekk jistghux jittiehdu passi legali bil-Qorti biex jekk il-kuntrattur li ghamel ix-xoghol ghall-Housing kellu xi garanzija, kemm hija l-garanzija ghax mhux sewwa l'issa x-xoghol jaqa' fuq il-Kunsill. Il-kelliem qal li hemm spejjez kbar jekk ser jibda jinqala' l-madum kollu. Il-kelliem ippropona ukoll li tintalab laqgha mac-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar u jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill fuq dan ix-xoghol.

10.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1278/10/I** 19/02/2010 — Kopja ta' e-mail li s-sur Joe Attard mill-GRTU baghat lis-sur Natalino Attard fejn qed jghid li s-Segretarju tal-Kunsill li hedded lill-Kuntrattur ta' l-iskart sabiex jahdimlu bil-prezz li jrid il-Kunsill.

**46/1290/10/O** 19/02/2010 — E-mail fejn s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat risposta ghall-email tas-sur Joe Attard rigward l-kuntratt ta' gbir ta' skart fejn infurmah li ser jiehu pariri ulterjuri u legali dwar l-akkuzi u allegazzjonijiet li saru.

10.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1278/10/I u 46/1290/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan il-punt hemm il-kawza fil-qorti li ser tkun qed tezawrixxi kull ma sar u ntqal.

10.28. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kawza li hemm hija l-mandat ta' inibizzjoni li ghamlet il-kumpanija Northern Cleaning Group Limited u ghalhekk bl-ebda mod m'hija ser titratta l-akkuzi li saru mill-GRTU fil-konfront tieghu.

**46/1285/10/I** 19/02/2010 — E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat rapport ghar-restawr ta' l-arlogg ta' Pembroke li jinsab quddiem il-bini tal-Kunsill.

10.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1285/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li fuq parir tal-Perit l-applikazzjoni lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali saret fuq arlogg wiehed u mhux tnejn.

**46/1294/10/I** 19/02/2010 — E-mail minghand is-sur Tony Bajada minn WasteServ Malta fejn baghat kopja tal-kuntratt sabiex jigi ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv u li jindika li dan il-kuntratt jibda mill-1 ta' Marzu 2010.

10.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1294/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1302/10/I** 19/02/2010 — E-mail minghand is-sur Brian Gauci minn St. Catherine's School fejn b'riferenza ghall-laqgha li kellu mal-Kunsill rigward il-librerija, nforma lill-Kunsill li ser ikun qieghed jistenna risposta minghand il-Kunsill.

10.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1302/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li saret laqgha ma' dan is-sinjur u li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qed tiehu hsieb dan l-aspett ghax huwa aspett edukattiv. Fid-dawl tat-talba li saret il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex ghas-spejjez taghhom jipprovdu lill-librar halli jkun jista' jigi jiftah il-librerija darba filghodu ghal dawn it-tfal kif ukoll li l-istess tfal jigu provduti bil-formoli necessarja sabiex ikunu jistghu jsiru membri tal-librerija.

10.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u talbet li s-sur Brian Gauci ghandu jintalab li jipprovdi reading list kif kien qal.

10.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1303/10/I** 19/02/2010 E-mail minghand l-AKL rigward il-patt tas-Sindki, fejn infurmaw lill-Kunsilli kollha li l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki ser isir fl-4 ta' Mejju 2010.

10.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1303/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-AKL ghada kemm ghamlet il-bookings ghas-Sindki li se jitilghu jiffirmaw dan il-patt.

**46/1311/10/O** 19/02/2010 Ittra li l-Kunsill baghat lil Northern Cleaning Group Ltd. fejn il-Kunsill infurmah li ser johrog servizz gbir ta' skart bieb bieb b'emergenza u li huma jistghu jissottomettu kwotazzjoni.

10.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1311/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-kaz qieghed quddiem il-qorti ghall-konsiderazzjoni.

**46/1313/10/I** 19/02/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 35/2010 rigward uzu ta' bexx u pesticida biex jitnehha haxix hazin u sabiex il-Kunsill jara li kull bexx u pesticida li juzaw il-kuntratturi ghandhom ikunu dawk approvati mill-Malta Standards Authority.

10.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1313/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur tal-Kunsill Shawn Farrugia ghandu jigi nfurmat jekk kemm il-darba jaghmel uzu mill-pesticidi.

10.37. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1316/10/I** 19/02/2010 E-mail mit-Traffic Management Unit fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill rigward upgrading fejn l-iskola Primarja, infurmaw l-Kunsill li l-proposta tal-Kunsill inghatat prijorita' sabiex din issir malajr.

10.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1316/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-punt kien diskuss fil-laqgha li saret mar-rapprezentanti tat-Transport Malta.

**46/1330/10/I** 19/02/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 36/2010 rigward kuntratti moghtija mill-Kunsilli Lokali f'2009.

10.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1330/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1361/10/I** 22/02/2010 Ittra minghand il-MEPA rigward Att dwar l-ippjanar tal-izvilupp skedar ta' Propjeta' f'Pembroke.

10.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1361/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1371/10/I** 22/02/2010 Ittra mill-Qorti ta' Malta fejn baghtu Mandat ta' Inibizzjoni min-Northern Cleaning Group Ltd. kontra s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Pembroke.

10.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1371/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ewwel smiegh instema nhar il-Hamis 4 ta' Marzu u issa li jmiss huwa s-sentenza tal-Qorti.

**46/1376/10/I** 22/02/2010 E-mail minghand is-sur Joe Attard mill-GRTU fejn informa l-Kunsill li rcieva l-ittra li baghat is-Segretarju u nforma l-Kunsill li kull akkuza li saret hija bbazata fuq fatti.

10.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1376/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1377/10/I** 22/02/2010 E-mail minghand is-Socjeta' Muzikali Spinola fejn baghat kwotazzjoni ta' €931.75 ghall-festa Kristu Rxoxt.

10.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1377/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li l-finanzi huma limitati mhux possibbli li din l-attivita' issir din is-sena.

10.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1381/10/I** 22/02/2010 E-mail minghand is-Sindku ta' Anning City fejn baghtu jikkonfermaw li huma ghadhom jixtiequ li jsir il-gemellagg ma' Pembroke.

10.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1381/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din l-ittra kienet konferma ta' dak li qal li kien qallu l-Ambaxxatur Ciniz meta kien zar Pembroke.

**46/1387/10/I** 22/02/2010 E-mail mill-MEUSAC fejn informat lill-Kunsill bil-guidelines dwar il-co-financing funds u nformat lill-Kunsill li jista' japplika ghalihom.

10.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1387/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1393/10/I** 22/02/2010 E-mail minghand is-sur Johann Attard mis-Segretarjat ta' Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill baghat jinforma l-Kunsill li s-Segretarjat lest li jhallas l-ispejjez tas-Sindku jew Kunsillier responsabbli mill-Konferenza u tas-Segretarju Ezekuttiv li qed jiehu hsieb il-logistika, filwaqt li membri ohra tal-Kunsill iridu jirregistraw bhal Kunsilli ohra.

10.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1393/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-bookings ghall-Konferenza ta' l-ECAD miexi sew u dehlin gmielhom. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona biex il-Kunsill ihallas ghall-partecipazzjoni tal-Vici Sindku u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat u dan ghax Pembroke huwa l-partner ufficjali tal-Gvern f'din il-konferenza u hemm bzonn il-partecipazzjoni ta' kull membru tal-Kunsill. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera kollha biex minn issa jaghtu s-sehem taghhom ghas-success ta' din il-konferenza.

10.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.52. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li jkun skuzat ghal din il-konferenza minhabba li mhux ser ikun Malta f'dan il-perjodu minhabba mpenji barra minn Malta.

**46/1396/10/I** 22/02/2010 E-mail minghand is-Sinjura Yvonne Debono minn Pembroke Athleta fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mal-Kunsill talbu biex il-Kunsill jipprova jaghmel laqgha ma' l-Onor. Chris Said sabiex jigi diskuss il-possibilita' ta' fondi biex isiru kmamar fil-ground u stands ghall-ispettaturi.

10.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1396/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-punt tqajjem fil-laqgha li saret mad-dirigenti tal-klabb li saret fil-

Kunsill flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem qal li fil-laqgha tqajmet ukoll il-proposta biex il-Kunsill jiehu f'idejh taht forma ta' PPP il-club house li qed juzaw bhalissa kif ukoll jinghataw ghajnuna finanzjarja biex isiru l-istands fil-ground il-gdid u dan ukoll taht forma ta' PPP. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona biex issir din l-ittra ghall-laqgha ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said sabiex jigu diskussa dawn il-proposti.

10.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1399/10/I** 22/02/2010 E-mail minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn baghtu jinfurmaw il-Kunsill dwar inizjattivi fil-qasam socjali.

10.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1399/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1407/10/I** **46/1417/10/I** 22/02/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 37/2010 rigward konferenza Internazzjonali dwar il-gemellaggi li ser issir bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2010.

10.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1407/10/I u 46/1417/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif mitlub Pembroke Dock, Pembroke Town u Roccalumera gew infurmata.

**46/1416/10/I** 23/02/2010 E-mail minghand s-sur Jason Grech fejn baghat kwotazzjoni ghal coin meter ghall-prezz ta' €413 biex jintuza fil-gnien Jum Pembroke.

10.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1416/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1424/10/I** 23/02/2010 E-mail minghand is-sur Daniel Tabone mill-GreenPak fejn b'riferenza ghall-ispezzjoni li saret tal-Bring in Sites baghat il-kummenti tieghu.

10.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1424/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ir-rapport sar wara spezzjoni li kien ghamel huwa mar-rapprezentant ta' Green Pak.

**46/1449/10/I** 24/02/2010 E-mail minghand is-Sinjura Marika Padovani mill-Vodafone fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex nhar is-Sibt 13 ta' Marzu 2010 jaghmlu BBQ fil-picnic area.

10.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1449/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni jekk dan isir fl-akwati ta' l-ITS u dan minhabba li fejn mitlub ikun t'inkonvenjent ghar-residenti.

10.61. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1450/10/I** 24/02/2010 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informa l-Kunsill li rcieva talba minghand zaghzugh franciz li jixtieq jaghmel workphase ghal hames xhur u staqsa jekk il-Kunsill hux interessat.

**46/1457/10/I** 24/02/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn informat lill-Kunsill li taqbel li jigi l-istudent franciz u talbet nistaqsu meta jista' jigi.

10.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1450/10/I u 46/1457/10/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta din it-talba.

10.64. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1458/10/I** 24/02/2010 E-mail minghand is-sur George Schembri mill-Marine and Storm Water Unit fejn baghat kopja tal-pjanti emendati ta' storm water culvert b'riferenza ghall-applikazzjoni li saret il-MEPA PA03752/09.

10.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1458/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

